# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**IMHALLEF**

**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 7**

**Appell Nru. 285/93**

**Il-Pulizija (Spettur Paul Camilleri)**

**vs**

**Saviour Ellul, John Ellul, Lawrence Ellul, Karmenu Ellul**

**Il-Qorti,**

Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-29 ta' Lulju, 1993, liema sentenza taqra kif gej:-

> "Il-Qorti,
>
> Rat l-imputazzjoni kontra l-imsemmija imputati Saviour Ellul, John Ellul, Lawrence Ellul, u Karmenu Ellul, talli fil-31 ta' Marzu, 1991 ghall-habta ta'xid-9.45p.m. fil-Belt Valletta:-

a) Hadu parti attiva f'gemgha ta' ghaxra minn nies jew aktar, migburin li jaghmlu reat, liema reat fil-fatt sar bi ksur tal-artikolu 68(2)(3) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Nakkuzahom ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b'hekk ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-persuna ta' PC 1529 Emanuel Barbara, persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita kompitenti bi ksur tal-Artikolu 96(b) Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' f'karrozzi numru M-1994 u M-2291 ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta, liema hsara hija ta' aktar minn hames mitt lira Maltin (Lm500) bi ksur tal-Artikolu 325(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkagunaw offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC 1529 Emanuel Barbara skond ma' verbalment iccertifika it-tabib Dr V Galea M.D. tal-Isptar San Luqa bi ksur tal-Artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

e) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament ghamlu hsara fin-nuccali tal-vista ta' PC 1529 Emanuel Barbara liema hsara hija ta' aktar minn ghaxar liri Maltin (Lm10) izda mhux aktar minn hamsin liri Maltin (Lm50) bi ksur tal-Artikolu 325(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

f) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kissru il-paci pubblika u l-bon ordni b'ghajjat u glied u aktar talli qalu kliem fahxi li jikkonsisti f'dagha u kliem oxxen fil-pubbliku bi ksur tal-Artikoli 338(dd) u 338(bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

g) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi heddew u ingurjaw lil Maggur 1235 Joseph Agius, PS 431 Mario Montesin, PC 401 Stephen Gherxi, PC 204 Anthony Bayliss, PC 707 Victor Vella, PC 843 Pierre Miceli, PC 623 Emanuel Lia u PC 1529 Emanuel Barbara, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz Pubbliku waqt li kienu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz bi ksur tal-Artikolu 95(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputati sabiex dan il-kaz jigi trattat u deciz sommarjament fols 14 sa 18;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet il-provi bil-gurament, u t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:-

Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputati odjerni huma bazati fuq is-segwenti reati:-

(1) Attruppament Artikolu 68(2)(3);
(2) Attakk jew Resistenza bi vjolenza Artikolu 96(b);
(3) Offiza ta' natura hafifa Artikolu 221(1);
(4) Hsara Volontarja Artikolu 325(a);
(5) Theddid u Ingurji diretti lejn ufficjali pubblici Artikolu 95(1); u
(6) IL-Kontravenzjonijiet kontemplati fl-Artikoli 338(dd)(bb) tal-Kapitolu 9;

Illi mill-kumpless tal-provi rrizultaw sodisfacentement provati s-segwenti fatti;

Illi fil-31 ta' Marzu, 1991 ghall-habta tad-9.30 p.m. il-pulizija arrestat zaghzugh li kien inqabad ibaghabas fil-karrozza ta' wiehed mill-imputati. Illi meta semghu dan, l-imputat f'atmosfera ta' rabbja u aggressjoni riedu jidhlu ghal dan iz-zaghzugh gol-ghassa. Dawn marru ghas-sodisfazzjon. Sadanittant inghaqdu maghhom persuni ohra, b'mod li l-grupp kien jeccedi l-ghaxra fin-numru, u dahhlu l-ghassa; fil-fatt wasslu sac-cellel tal-ghassa, ghax il-pulizija irnexxielhom izzommuhom;

Illi meta dan il-grupp gie imrazzan u l-incident deher li waqaf hemmhekk, dan il-grupp, flimkien ma' persuni ohra regghu ippruvaw jidhlu fl-ghassa bl-istess mod aggressiv u abusiv li mmanifesta fl-okkazzjoni precedenti. Matul dan it-tieni incident, jew tieni parti tal-incident, giet ikkagunata hsara f'zewg vetturi tal-pulizija, li dak il-hin kienu ipparkajati biswit xulxin quddiem il-bieb tal-ghassa, u kkagunaw hsara komplessiva fl-ammont ta' seba mija u ghaxar liri Maltin (Lm710);

Illi matul dawn l-incidenti, grupp ta' circa seba' minn nies attakka lil P.C. 1529 Emanuel Barbara, dana zelaq fl-art, u hekk kif kien ser iqum mill-art, persuna minn dan il-grupp xejjirlu daqqa ta' sieq go wiccu u laqtu f'ghajnejh u kkagunalu offiza ta' natura

hafifa, u kissirlu n-nuccali.  Rizultat ta' dan id-daqqa ta' sieq dan il-kuntistabbli intilef minn sensieh;

Illi matul dawn l-incidenti l-membri ta' dan il-grupp ta' nies, qalu kliem oxxen u ta' dagha u insulentaw lill-pulizija fis-sens li qalulhom li kienu komplici mal-kriminali;

Illi dan huwa l-kwadru li ddelinea ruhu mill-kumpless tal-provi akkwisiti.  Issa il-Qorti ser tezamina, fil-konfront tal-imputati separatament, l-involviment u l-partecipazzjoni taghhom f'dawn l-incidenti meritu tal-kawza odjerna;

Illi mill-assiem tal-provi rrizulta, fil-konfront tal-imputati kollha, ir-reat ta' attruppament kontemplat fl-Artikolu 68(2) tal-Kapitolu 9, stante li rrizulta ampjament li dawna kienu fost dik il-gemgha ta' nies, eccedenti l-ghaxra fin-numru, li kommettiet ir-reat li ser jigu indikati kienu l-promoturi tal-incidenti li nqalghu, stante li kienu huma li riedu jidhlu ghal persuna arrestat fl-ghassa, u dana sabiex "jiehdu sodisfazzjon";

Illi ghalkemm dan ir-reat jirrizulta fil-konfront tal-imputati kollha, inkluz l-imputat Karmenu Ellul, l-partecipazzjoni taghhom tvarja fi gradi differenti; kien qed izomm l-annimali fil-farm fejn kien jahdem, jew wahdu, jew mat-tifel tieghu;

Fil-konfront tal-imputat Lawrence Ellul u Karmenu Ellul, dan ir-reat gie kommess b'referenza ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 95(1) u l-kontravenzjonijiet kontemplati fl-Artikoli 338(dd)(bb) u 339(d) tal-Kapitolu 9. Fil-konfront tal-imputati John Ellul u Saviour Ellul dan ir-reat ta' attruppament gie kommess kemm b'referenza ghal dawn l-Artikoli, kif ukoll b'referenza ghall-Artikolu 325(a), tielet proviso, tal-imsemmi Kapitolu stante li rrizulta li dawna kienu fost dawk in-nies li kkagunaw hsarat fuq il-karrozzi tal-pulizija;

Illi fil-konfront tal-imputat John Ellul rrizulta provat ir-reat ta' hsara volontarja kontemplata fl-Artikolu 325(a), stante li dana, flimkien mal-imputat Saviour Ellul, irrizulta li kien ko-awtur f'dan ir-reat, flimkien ma' nies ohra, irrizultaw ukoll il-kontravenzjonijiet fuq indikati.  Illi dawn flimkien mar-reat ta' hsara volontarja;

Illi fil-konfront tal-imputat Saviour Ellul, minbarra ir-reati ta' attruppament u ta' hsara volontarja u l-kontravenzjonijiet fuq indikati, irrizulta ukoll r-reat ta' attakk u rezistenza kontemplat fl-Artikolu 96(b) tal-Kapitolu 9.  Dan ir-reat immatura fil-konfront tal-P.C.1529 Emanuel Barbara, u stante l-gravita ta' dan ir-reat,

il-Qorti thoss li ghandha telabora fuqu ulterjorment. Irrizulta ukoll r-reat ta' offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna, kif ukoll ir-reat kontemplat fl-Artikolu 95(1). Illi dawn ir-reati jinsabu assorbiti fir-reat kontemplat fl-Artikolu 96(b);

Illi dan ir-reat origina meta l-imsemmi kuntistabbli mar biex jarresta lill-imputat Saviour Ellul, li hin minnhom ta' daqqa ta' sieq fuq il-karrozza Opel tal-pulizija. Fi kliem P.C. Emanuel Barbara "Dak il-hin xi sitta jew seba' minn nies hebbew ghalija. Wiehed minn dawk li hebbew ghalija huwa l-istess imputat li ghadni kemm irreferejt ghalih fix-xhieda tieghi, jigifieri Saviour Ellul. Imbaghad lil dan qbadtu, gbidtu lura u gew erba' persuni ohra li jiena ma' nagharafhomx fl-awla u dak il-hin jiena zlaqt. Kif kont ser inqum mill-art gie xi hadd fuqi minn naha ta' wara u tani daqqa ta' sieq go ghajnejja l-leminija". Fol.93.Vide ukoll fols 65 u 66. Minn naha tieghu l-imputat Saviour Ellul, xehed li kif il-kuntistabbli hatfu minn wara, huwa "zgicca" u l-kuntistabbli waqa' ghal wiccu. Dan l-imputat cahad li kien hu li imbuttah ghal mal-art;

Illi in kwantu ghal forza fizika uzata fuq l-imsemmi kuntistabbli huwa opportun li jigi rivelat li dan ir-reat jimmatura anke bl-icken uzu tal-forza (Ara noti Professur Anthony Mamo Pt.2 Pg.48) "The slightest use of force, however, when accompanying the attack or resistance is sufficient to constitute the material element of this crime. It has been held that for a man to lay his hands in a hostile manner on a public officer is enough to constitue a 'voie de Fait'".

Illi mill-premess, irrizulta ampjament li grupp ta' nies hebbew ghal P.C. Emanuel Barbara meta dana mar beix iwaqqaf mill-imputat Saviour Ellul milli jkompli jaghmel hsara volontarja fuq il-karrozza tal-pulizija. Wiehed minn dawk li hebbew ghalih kien l-istess imputat. Illi ghal dak li gara lill-imsemmi kuntistabbli, sussegwentement, japplika l-Artikolu 237(d) tal-Kapitolu 9 b'referenza ghall-Artikolu 221(1) tal-istess Kapitolu u ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, dan l-imputat ghandu jinzamm responsabbli kriminalment, mhux biss talli attakka u rrezista b'forza attiva lill-imsemmi kuntistabbli, izda ukoll talli ikkagunalu ferita ta' natura hafifa;

Illi in propositu ghal piena, il-Qorti thoss opportuni s-segwenti osservazzjonijiet:-

1) Illi l-hsara kollha kkagunata fil-karozzi tal-pulizija giet imhallsa mill-imputati, u ghalhekk id-dannu materjali konsegwenza tad-delitt ta' hsara volontarja gew minimizzati. Dan il-fatt, fil-fehma tal-Qorti, ghandu jopera sabiex jirrendi piena karcerarja inopportuna fil-konfront tal-imputati hlief ghall-imputat Saviour Ellul; izda minn naha l-ohra l-agir illegali u rrespnsabbli li urew dawn l-imputati, u li stimula incidenti li involvu diversi nies ohra, (u dan ghad-dannu ta' dawk il-pulizija li kienu fl-ghassa dak il-hin) ma jistax ma jigix penalizzat adegwatament li sservi ta' deterrent ghal futur;

2) Illi fil-konfront tal-imputat Saviour Ellul, il-Qorti thoss li l-agir tieghu u l-gravita' tar-reat kommess minuu fil-konfront tal-P.C. Emanuel Barbara, jimmerita piena karcerarja. Din il-Qorti, kif diga kellha okkazzjoni fil-passat li tosserva, hija konxja tar-riskju li jintaqghu mieghu l-pulizija fil-qadi ta' dmirijiethom, u meta dawna jagixxu fil-parametri legali, huma ghandhom igawdu dik il-protezzjoni shiha li takkordalhom il-ligi;

3) Illi l-fedina penali relattivament netta fil-konfront tal-imputati kollha topera bhala fattur attenwanti, u dan ser jigi rifless fil-piena, u fil-kaz tal-imputat Saviour Ellul ser jigi applikat l-Artikolu 21;

4) Illi in fine, u ghal kull buon fini, din il-Qorti thoss li ghandha tirrileva li l-motiv li spinga lil dawn l-imputati ghall-kommissjoni tar-reati minnhom kommessi, ma jiggustifikaw bl-ebda mod l-agir illegali u abusiv taghhom, l-inforzar tal-osservanza tal-ligi u l-amministrazzjoni tal-gustizzja hija kompitu tal-pulizija u tal-Qrati, u mhux tac-cittadin li ma huwiex gustifikat li jiehu l-ligi b'idejh;

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi billi ssib lill-imputati hatja kif ser jinghad:-

Lill-imputati kollha hatja tar-reat ta' Attruppament skond l-Artikolu 68(2) b'referenza ghall-Artikoli 95(1), 338(dd)(bb) u 339(d) tal-Kapitolu 9 u fil-konfront tal-imputati John Ellul u Saviour Ellul anke b'referenza ghall-artikolu 325(a) tal-istess Kapitolu;

Illi fil-konfront tal-imputati John Ellul u Saviour Ellul hatja ukoll tar-reat ta' Hsara Volontarja a tenur tal-Artikolu 325(a) Kapitolu 9 u tal-kontravenzjonijiet fuq indikati fl-Artikoli 338 u 339;

Illi fil-konfront tal-imputat Saviour Ellul hati ukoll tar-reat ta' Attakk u Rezistenza kontemplata fl-Artikolu 96(b) tal-imsemmi Kapitolu kif ukoll tar-reat ta' Offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna

> skond l-Artikolu 221(1), kif ukoll tar-reat kontemplat fl-Artikolu 95(1) tal-istess Kapitolu;
>
> U wara li rat l-Artikolu 17 tikkundanna lill-imputati Lawrence u Karmenu Ellul ghal piena ta' multa ta' mitejn lira Maltin (Lm200); lil John Ellul ghall-piena ta' multa ta' mitejn u hamsin liri Maltin (Lm250); lil Saviour Ellul ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien sitt xhur bl-applikazzjoni tal-Artikolu 21".

Minn dik is-sentenza appella l-imputat permezz ta' rikors ta' l-appellipprezentat fid-9 ta' Awissu, 1993, li permezz tieghu talab li din il-Qorti joghgobha tilqa' l-appell tieghu, tirrevoka u thassar u tannulla s-sentenza appellata in kwantu sabtu hati talli kkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna, kif ukoll ta' attakk u rezistenza fuq ufficjal pubbliku u ta' attruppament, u tilliberah mill-imsemmija imputazzjoni u piena.

Din il-Qorti sejra telenka l-ewwel d-diversi aggravji ta' l-appell b'mod ezawrjenti peress li, kif ser jigi spjegat aktar 'il quddiem, diversi minnhom jimmeritaw importanza konsiderevoli u li fil-fehma ta' din il-Qorti huma fondati.

L-ewwel aggravju ta' l-appellant huwa fis-sens li, skond hu, gie misjub hati hazin ta' rejat u attakk u rezistenza u ta' offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna. Biex waslet ghall-konkluzzjoni taghha l-ewwel Qorti qalet:

> "Illi mill-premess irrizulta ampjament li grupp ta' nies hebbew ghal PC Emanuel Barbara meta dan mar biex iwaqqaf lill-imputat Saviour Ellul milli jkompli jaghmel hsara volontorja fuq il-

> karozza tal-pulizija. Wiehed minn dawk li hebbew ghalih kien l-istess imputat. Illi ghal dak li gara lill-istess kuntistabbli sussegwentement, japplika l-Artikolu 237 (d) tal-Kap 9 b'riferenza ghall-Artikolu 221 (1) ta' l-istess Kap, u ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, dan l-imputat ghandu jinzamm responsabbli kriminalment, mhux biss talli attakka rrezista b'forza attiva lill-imsemmi kuntistabbli, izda talli kkagunalu ferita ta' natura hafifa".

L-appellant jissottometti illi r-ragunament ta' l-ewwel Qorti mhux korrett. Fl-ewwel lok, meta PC Barbara mar iwaqqfu wara dan li ta daqqa ta' sieq fuq il-karozza tal-pulizija, u qabdu u gibdu lura, huwa, cioe' l-appellant, ma ta l-ebda daqqa ll PC Barbara. Infatti l-istess PC Barbara jixhed:-

> "Imbaghad lil dan qbadtu, gbidtu lura u gew erba' persuni ohra – li jiena ma naghrafhomx fl-awla – u dak il-hin jien zlaqt".

L-appellant jissottometti li da parti tieghu zgur ma hemmx attakk jew rezistenza fuq ufficjal pubbliku. Ftit wara PC Barbara sofra offiza ta' natura hafifa, u ma jafx min tah daqqa ta' sieq. Infatti jghid:-

> "Kif kont se nqum mill-art, gie xi hadd fuqi min –naha ta' wara u tani daqqa ta' sieq go ghajnejja l-leminija".

L-appellant ghalhekk jissottometti li ma rrizultax lill-ewwel Qorti, u lanqas ghandu jirrizulta lil din il-Qorti min kienet il-persuna li kkagunatlu

offiza hafifa li garrab PC Barbara. Kwindi l-ewwel Qorti ma kellha ebda dritt li tassumi, kif fil-fatt ghamlet, li jrid jirrispondi ghaliha l-esponent.

Inoltre, l-appellant jirrileva li meta xehed, huwa spjega li kif il-kuntistabbli hatfu minn wara, huwa zgicca u l-kuntistabbli waqa' ghal wiccu. Il-Qorti stess osservat li huwa cahad li kien hu li mbuttah ghal ma' l-art. L-appellant hawnhekk jaghmel riferenza ghall-partijiet mill-istqarrija tieghu in sostenn ta' din it-tezi. Ghalhekk jissottometti abbazi ta' dan illi l-ewwel Qorti ma kienetx intitolata ssibu hati ta' attakk u rezistenza u ta' offiza hafifa fuq il-persuna – ta' l-ewwel ghax ma kien hemm l-ebda forza attiva, u hu semplicement zgicca meta l-kuntistabbli gibdu lura u zelaq, u ta' l-ahhar ghax ma rrizulta bl-ebda mod li l-offiza kkagunaha huwa, anzi PC Barbara qal li gie xi hadd minn warajh, filwaqt li nafu illi li hu maghruf li l-appellant kien quddiemu.

Mill-aspett legali l-appellant jissottometti li dwar dik li hi komunikablita' ta' htija, il-Kodici Kriminali taghna jistabilixxi regoli stretti u ebda wahda minn dawn ir-regoli ma hi applikabbli ghalih. Infatti, skond hu, l-ebda membru tal-Korp tal-Pulizija ma identifikah bhala l-bniedem li kkaguna offiza hafna fuq il-kuntistabbli. Fic-cirkostanzi jonqos dak il-grad tac-certezza morali bi htiega, skond il-ligi, ghall-konvinciment tal-gudikant fid-dawl tal-piz tal-prova mixhut fuq il-prosekuzzjoni.

L-appellant izid li, fil-fehma tieghu, l-ewwel Qorti naqset li tifhem sewwa l-mekkanika ta' dik il-parti ta' l-incident meta wegga' hafif PC Barbara. Meta qala' daqqa, kif qal hu stess, minn wara, ma rax min tahielu. Fil-konfront ta' dan hemm id-depozizzjoni guramentata ta' l-appellant li xehed li ma ta ebda daqqa lil PC Barbara. Qatt ma ra lill-appellant jaghti din id-daqqa minn wara lil PC Barbara. Jirrizulta wkoll li PC Barbara zelaq u habat wiccu ma' l-art, u kien hemm li nkisrlu n-nuccali. Ghalhekk ma kien hemm assolutament l-ebda imgieba li jikkostitwixxi ferita hafifa fuq il-persuna ta' PC Barbara u li hi attribwibbli lill-appellant.

Jirrizulta mill-provi, jissottometti l-appellant, li PC Barbara qabdu. F'dak il-hin uhud minn dawk li kienu prezenti, li la gew identifikat mill-pulizija u fil-fatt lanqas mill-appellant, marru fuq PC Barbara li kien ghadu qed izomm lill-appellant. Dak il-hin PC Barbara zelaq fil-hin li kien qieghed izomm lill-appellant. Ghalhekk l-appellant kien quddiemu meta, skond ma xehed PC Barbara, qala' daqqa ta' sieq minn xi hadd li gie minn wara. L-appellant, ghalhekk, jissottometti li gie misjub hati ta' offiza hafifa li giet kagunata minn haddiehor u mhux minnu.

L-appellant jissottometti wkoll illi jirrizulta mill-provi li PC Barbara inoltre, intilef minn sensih u ghalhekk huwa impellenti ghal din il-Qorti li tara x'piz ghandha taghti lill-appell tieghu, ghax jista' jaghti l-kaz li dan qed jghid li qala' daqqa ta' sieq f'siccu ghaliex qieghed jassumi li wegga'

b'dan il-mod, mentri huwa tfixkel, waqa hazin u wegga' u kisser in-nuccali. Kieku qala daqqa ta' sieq b'zarbuna f'wiccu, it-tessuti molli tal-wicci kienu jinqasmu fl-impatt ma' l-ghadam sottostanti biex bniedem jintilef minn sensih. Fil-fatt pero' PC Barbara ma kellu xejn minn dan, u ghalhekk jidher car li hu ghandu mpressjoni zbaljata kif wegga'. Hu x'inhu l-appellant jirribadixxi li hu qatt ma tah daqqa ta' sieq u ma ra lil hadd fil-fatt jaghti daqqa ta' sieq lil PC Barbara.

Fi kwalunkwe kaz l-appellant jirribadixxi wkoll illi anke jekk din il-Qorti hija konvinta li PC Barbara qala daqqa ta' sieq f'wiccu, m'hemm assolutament ma hemm l-ebda prova min seta' kkagunalu din il-ferita u inoltre, u wisq aktar importanti, m'hemm xejn x'jindika li din kienet komunikabbli anke lill-appellant.

Fl-ahhar nett, kwantu jirrigwarda din l-ewwel kategorija ta' akkuzi li taghha instab hati l-appellant, imma bla pregudizzju, huwa jissottometti li l-piena kontemplata fl-art. 237 (d) tal-Kodici Kriminali, hija l-piena stabbilita ghall-kontravenzjonijiet u mhux, bir-rispett kollu, sitt xhur prigunerija.

Ghall-mument din il-Qorti ser tieqaf fuq dan l-aggravju qabel ma tidhol fl-aggravji l-ohra ghaliex ghalih huma rilevanti certi fatti partikolari u jrid jigi stabbilit jekk dawn l-aggravji humiex fondati jew le. Issa jinghad mill-

ewwel li din il-Qorti, wara li ezaminat akkuratament il-provi kif ukoll il-kontenut tas-sentenza appellata u l-izvolgiment tal-hsieb ta' l-ewwel Qorti, hassitha sorpriza bil-paragrafu enumerat bin-numru 2 f'pagna 13 tal-kopja dattilografata tas-sentenza, fejn l-ewwel Qorti qalet "illi il-konfront ta' l-imputat Saviour Ellul, il-Qorti thoss li l-agir tieghu u l-gravita' tar-reat kommess minnu fil-konfront ta' PC Emanuel Barbara jimmerita piena karcerarja".

In realta', l-ewwel Qorti fl-ebda hin ma waslet ghall-konkluzzjoni jew abbraccjat it-tezi li kien hemm prova li effettivament l-appellant, Saviour Ellul, kien <u>hu</u> li kkaguna direttament, jew anke indirettament, il-ferita fuq PC Barbara. Anzi jirrizulta bl-aktar mod car, anke mill-istess korp tas-sentenza, li l-ewwel Qorti fehmet li ma kienetx identifikata l-persuna li effettivament, jekk hu veru li gie ferut PC Barbara, ferietu. Tant hu hekk, illi lil Saviour Ellul, l-appellant, l-ewwel Qorti sabitu hati tal-ferita bl-applikazzjoni ta' l-art. 237 (d) u mhux ghax kien hemm prova li kien hu li kkawza l–ferita. Anzi kieku kien hemm il-prova li kien hu, l-artiklu 237 ma kienx ikun applikabbli ghalih.

Pero', din il-Qorti thoss li hemm aktar minn hekk. Kif inghad, mhux solitu li hija tiddisturba d-diskrezzjoni li tkun ezercitat l-ewwel Qorti meta din id-diskrezzjoni ma tkunx manifestament zbaljata. F'dan il-kaz partikolari din il-Qorti m'hijiex sodisfatta li l-valutazzjoni tal-provi

maghmula mill-ewwel Qorti hija tali li ma taghtix lok ghal disturb. Infatti, fil-fehma ta' din il-Qorti, ghalkemm f'certu hin jidher li kien hemm atti ta' aggressjoni fl-Ghassa tal-Pulizija, m'huwiex car jekk dawn l-atti kienux diretti lejn PC Barbara bhala tali jew jekk kienux atti ta' protesta biex jithallew jidhlu ghal min kien inqabad ibaghbas fil-karozza ta' wiehed minnhom. Zgur li ma tirrizultax rezistenza, almenu din il-Qorti mill-provi mhix qed tara atti ta' rezistenza. Infatti, anke l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha tuza l-kliem illi "meta dan il-grupp gie mrazzan u l-incident deher li waqaf hemm, dan il-grupp, flimkien ma' persuni ohra, regghu ppruvaw jidhlu fl-Ghassa bl-istess mod aggressiv u abuziv li mmanifesta fl-okkazzjoni precedenti. Issa f'din it-tieni okkazzjoni giet verament ikkagunata hsara f'zewg vetturi tal-pulizija. Pero', dan m'huwiex l-attakk u rezistenza li hu kontemplat fl-art. 96(b) tal-Kodici Kriminali. Huwa ghalhekk li din il-Qorti ghandha d-dubbji taghha dwar kemm seta' l-appellant jinstab hati ta' attakk u rezistenza bi ksur ta' l-art. 96 (b) tal-Kodici Kriminali.

Aktar serja minn hekk, pero', hija l-kwistjoni dwar ir-responsabilita' tieghu o meno ghall-ferita gravi. Fil-fehma ta' din il-Qorti, wara li qrat ghal diversi drabi l-atti processwali biex tipprova tifhem b'liema mod seta' jinstab hati l-appellant, din il-Qorti m'hijiex konvinta illi fi kwalunkwe kaz PC Barbara gie ferut waqt rissa accidentali. Jidher li ma kien hemm l-ebda rissa bhala tali u li fi kwalunkwe PC Barbara gie ferut, dan gie

ferut wara li kien hu stess li qabad lill-appellant billi qabdu u dan zgiccalu. Pero', assolutament ma hemm xejn x'jindika li verament l-eventi graw kif qed jippretendi necessarjament PC Barbara jew li kien hemm rissa accidentali fis-sens ta' l-art. 237 tal-Kodici Kriminali li, bhala rizultat taghha, jista' tigi komunikata lill-appellant ir-responsabilita' kriminali ghall-ferita sofferta minn PC Barbara. Jirrizulta zgur li PC Barbara f'xi hin waqa' u mal-waqa' jista' jaghti l-kaz li wegga' wiccu bil-waqa', daqskemm jista' jaghti l-kaz li qala' daqqa ta' sieq, pero', id-deskrizzjoni tal-feriti kif jemergu mill-process, fil-fehma ta' din il-Qorti, huma aktar kompatibbli ma' waqa' milli ma' daqqa ta' sieq.

Ghalhekk, din il-Qorti hija tal-fehma li ma tistax issib lill-appellant hati ta' ferita gravi u ta' attakk u rezistenza.

Fir-rigward tar-reat ta' l-akkuza ta' l-attruppament l-appellant jissottometti li hu wkoll gie misjub hazin ghax ma kien hemm ebda hsieb komuni bejn l-ghaxra min-nies biex jitwettaq reat. Jekk kien hemm xi persuni li hargu mill-Embassy Cinema u li, ghal raguni li jafuha huma biss, ghamlu atti kontra l-Ghassa tal-Pulizija tal-Belt, dan ghamluh ghax riedu huma u mhux ghax l-appellant kien miftiehem maghhom jew kellu hsieb maghhom li jsir xi reat. Ma' l-appellant kien hemm biss zewg hutu Lawrence u John Ellul. Carmel Ellul effettivament lanqas kien hemm u l-pulizija arrestaw u ressqu l-Qorti lilhom biss. Ghalhekk bl-ebda mod

ma jista' jinghad li hu kien f'gemgha ta' ghaxra min-nies migbura bil-hsieb li jwettqu xi reat. L-element intenzjonali ghar-reat ta' l-attruppament, jigifieri l-*common design* jew l-intent kriminuz li jikkonverti l-gemgha tan-nies minn wahda innocenti ghal wahda illegali, jrid ikun tal-gemgha stess u mhux ta' individwu izolat, u dan skond kif gie ritenut diversi drabi mill-qrati taghna.

L-appellant jirrileva li s-sentenza appellata tghid "illi mill-assjem tal-provi jirrizulta li fil-konfront ta' l-imputati kollha ir-reat ta' l-attruppament kontemplat fl-artiklu 68 (2) tal-Kap 9, stante li rrizulta ampjament li dawn kienu fost dik il-gemgha tan-nies, eccedenti l-10 fin-numru, li kkommettiet ir-reati li ser jigu ndikati f'dan il-gudizzju". L-appellant jissottometti li l-fatt li aktar tard fis-sentenza ssir riferenza ghal reati u kontravenzjonijiet differenti fil-konfront tad-diversi mputati, igib fix-xejn il-*common design or purpose* imsemmi aktar 'il fuq. Skond il-gurisprudenza, jissottometti l-appellant, fejn ir-reat ta' attruppament jithalla izolat, il-Qorti ghandha tillibera ghaliex l-imputazzjoni ma tistax tinbidel f'dan l-istadju biz-zieda ma' 'l hekk imsejjah reat ta' attruppament ta' reat li l-folla kellha intenzjoni komuni li tikkommetti.

Anke hawn din il-Qorti ghandha d-dubbji taghha ghaliex effettivament, ghalkemm hu veru f'certu hin kien hemm gemgha ta' nies li ppruvat tidhol u effettivament xi whud minnhom dahlu fl-Ghassa tal-Pulizija tal-

Belt, in realta'  din il-Qorti hadet l-impressjoni li l-id il-leminija ma kienetx taf x'inhi taghmel ix-xellugija, u kienu biss l-ahwa Ellul li kellhom interess li jidhlu jipprotestaw fl-Ghassa tal-Pulizija, u fl-ebda hin ma jista' jinghad li huma ppartecipaw f'migemgha akbar ta' nies. L-eventi huma xi ftit jew wisq oskuri kif jemergu mill-provi u din il-Qorti mhix pronta tasal ghall-konkluzzjonijiet li m'humiex daqstant evidenti mill-provi.  Ghalhekk, anke kwantu jirrigwarda l-attruppament, ma jidhrilhiex li hu l-kaz li tikkondividi l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Onorabbli Qorti peress illi ma thosshiex moralment konvinta illi jirrizultaw l-elementi kollha ta' reat ta' attruppament ghal ragunjiet li gew elenkati.

L-ahhar aggravju ta' l-appellant kien jirrigwarda l-piena, pero' billi l-appellant mhux ser jigi misjub hati, la ta' l-attakk u rezistenza, kif lanqas ta' ferita gravi, kif lanqas ta' l-attruppament, s'intendi irid bilfors ikun hemm varjazzjoni konsiderevoli fil-piena u mhux necessarju, fil-fehma ta' din il-Qorti, li jinghad aktar minn hekk.  Pero', tirrizulta zgur responsabilita' ta' l-appellant Saviour Ellul  ta' hsara volontarja taht l-artiklu 325 (a) tal-Kap 9 u l-kontravenzjoni 338 (d) ta' l-istess Kap.  L-ewwel Qorti spjegat li l-fatt li  ghall-hsara materjali kagonata, l-appellant u hutu diga' ghamlu tajjeb ghaliha, jimmilita favur tieghu, u fil-fatt hija waslet biex tikkundannah ghal piena ta' prigunerija ghaliex kienet qed issibu hati ta' l-akkuzi l-ohra li ssemmew aktar 'il fuq.

F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti jidhrilha wkoll li ghandha bhall-ewwel Qorti tapplika l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali u flok piena karcerarja timmulta lill-appellant.

Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell fis-sens li ser jinghad u cioe', billi tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu sabet lill-appellant hati tar-reat ta' attakk u rezistenza kontemplat fl-artikolu 96 (b) tal-Kodici Kriminali kif ukoll tar-reat ta' offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna skond l-artiklu 221 (1), kif ukoll tar-reat kontemplat fl-artiklu 95 (1) ta' l-istess Kodici Kriminali, u tiddikjarah mhux hati ta' dawn l-akkuzi. Tilliberah ukoll mill-akkuza ta' l-attruppament u konsegwentement tirrevoka s-sentenza ta' prigunerija inflitta mill-ewwel Qorti fuqu, u minflok tikkundannah ghal multa ta' Lm200.

Dep/Reg

mm